FIND EVERYTHING YOU NEED
Kelyfos EVG-3D YTONG



# Il-Ġirja Nazzjonali bir-Rota ser issir għada

**Set 20, 2017 16:40** **Miktub minn iNews**




Il-Ġirja Nazzjonali bir-Rota ser tibda minn quddiem il-Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapital fil-Furjana, għada fit-8.30 ta' filgħodu.

Iċ-ċiklisti ser jgħaddu minn Blata l-Bajda, il-Ħamrun, St. Venera, Ħ'Attard u mill-Mosta u lura lejn il-Ministeru minn Ħal Lija, Birkirkara, St. Venera u l-Ħamrun. Il-ġirja ser tieħu madwar sagħtejn. Karozzi tal-elettriku ta' Transport Malta, ser jakkompanjaw Iċ-ċiklisti, tul il-vjaġġ, biex jiżguraw is-sigurta' tagħhom.

Kull min għandu rota huwa mistieden jieħu sehem. Ir-reġistrazzjoni tibda fit-8.00 ta' filgħodu minn quddiem il-Ministeru. Ir-reġistrazzjoni hija bla ħlas u kull parteċipant jingħata flokk b'xejn. Ħames parteċipanti ser jirbħu rota li taħdem bl-elettriku, rota li tiswa' €1,400.

Din is-sena hija r-raba' edizzjoni tal-ġirja. Il-Ġirja bir-Rota hija marbuta mal-Ġimgħa Ewropea Tal-Mobbilta'. Din hija waħda mill-inizzjattivi u attivitajiet ikkoordinati mill-Malta National Electromobility Platform fi ħdan Transport Malta. It-tema ta' din is-sena hija "Sharing gets you Further" bil-kunċett li meta n-nies jivvjaġġaw flimkien u jużaw modi tat-trasport differenti, jnaqqsu t-traffiku u jżidu l-effiċjenza tat-

toroq.

Il-Malta National Electromobility Platform twaqqfet mill-Ministeru għat-Trasport u minnTransport Malta biex jiġi implimentat il-Malta National Electromobility Action Plan. Il-pjan jaġevola l-elettrifikazzjoni fit-trasport kemm privat kif ukoll pubbliku u jippromwovi l-elettromobbilita' u l-użu ta' karozzi bl-elettriku kemm mal-importaturi tal-karozzi, mal-pubbliku u  kumpaniji privati.

## Simili



Il-Ministru Dr Ian Borg jindirizza d-diskors tal-ftuħ fil-konferenza 'Future of Automobility and Traffic'



Shabab Oman II jagħmel il-wasla tiegħu f'pajjiżna



'Jekk u meta, terġgħu tagħmlu elezzjoni sew'... Marlene mhijiex kuntenta bi Kap

Midja Soċjali: